# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Lulju 2014

Merħba! Il-Papa jistieden lilna lkoll, hu x'inhu t-twemmin tagħna, biex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex l-isport ikun dejjem okkażjoni ta' fraternità fejn il-bnedmin jikbru flimkien.**

## Ninġabar:

Nagħlaq għajnejja u nimmaġina grupp ta' atleti f'tellieqa cross-country, telgħin u neżlin l'għoljiet, f'toroq imħarbta. Imbagħad fil-qosor nirrifletti kif din ix-xena hija bħal ritratt tal-vjaġġ tal-ħajja bit-telgħat u l-inżul tagħha.

## Fatt ċkejken:



Abele Bikila, mill-Etjopja, rebaħ darbtejn il-maratona Olimpika, iżda baqa' magħruf l-aktar għall-midalja tad-deheb li rebaħ fl-Olimpijadi tas-sajf tal-1960 meta ġera ħafi.

Hekk kif l-ajruplan kien se jitlaq għal Ruma, Bikila sab postu fit-tim Olimpiku tal-Etjopja fl-aħħar mument, minflok Wami Biratu li kien kiser saqajh f'logħba futbol. L-Adidas, l-isponsor taż-żraben tal-Olimpijadi 1960, ftit kien baqagħlhom żraben meta Bikila pprova xi par għalih. Spiċċa biex l-uniku par li sab xorta waħda ma ħassux komdu fihom. Għalhekk ftit qabel it-tellieqa qatagħha li jiġri ħafi, kif kien ittrenjat jagħmel. Bikila rebaħ u sar l-ewwel Afrikan li rebaħ midalja tad-deheb.

Meta staqsewh x'fettillu jtellaq ħafi Bikila wieġeb: "Ridt li d-dinja kollha tkun taf li pajjiżi, l-Etjopja, dejjem rebaħ bis-saħħa tad-determinazzjoni u tal-eroiżmu".

Fl-1969 Bikila kellu inċident ikrah tal-karozza meta tilef il-kontroll tal-karozza hekk kif fittex jevita grupp ta' studenti li kienu qed jipprotestaw. Dan l-inċident ħallieh nofsu paralizzat. Wara dan ħa sehem fil-logħob Internazzjonali għal nies b'paraliżi fin-Norveġja.

F'intervista tal-1983, Bikila tkellem dwar l-inċident tal-karozza. Qal hekk:
*"Bnedmin ta' suċċess jiltaqgħu mat-traġedja. Kienet ir-rieda ta' Alla li rebħitni l-Olimpijadi u r-rieda ta' Alla li ppermettietli jkolli l-inċident. Aċċettajt dawk ir-rebħiet bħalma naċċetta din it-traġedja. Nilqa' ż-żewġ ċirkustanzi bħala fatti tal-ħajja u ngħix ferħan".*

## Naħseb ftit:

Qatt ġarrabt xi traġedja f'ħajti? Niftakar kif ħassejtni f'dak iż-żmien.
X'tip ta' għajnuna sibt meta kont għaddej mill-fallimenti tal-ħajja?
Stajt naċċetta t-traġedja bl-istess mod ta' kif aċċettajt is-suċċessi?

**Nitlob:**

Għażiż Mulej, agħmel li l-isport iqawwi l-karattru tagħna biex nistgħu naffaċċjaw kemm is-sabiħ kif ukoll l-ikrah tal-ħajja.
Nitolbuk tipprovdilna min jgħinna biex it-telfiet li jkollna nibdluhom f'rebħiet.

**Kliem ta' dawl:**

"Il-ġlieda ma tintemmx ħlief meta tirbaħ" , Robin Hobb.

**X'nista' nagħmel:**

Inġib quddiem għajnejja problema waħda li qed ittellifni ħafna. Naħseb kif tal-familja jew il-ħbieb jistgħu jgħinuni biex negħleb l-ostakli li qed ikixxkluni.